MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 2467/1999/1

**AUTO SALES LIMTED**

vs

Michael u Doreen **SCERRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta' Novembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsuha s-somma ta' elfejn mitejn u sbatax-il lira Maltija u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (Lm 2,217.27)[1] li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezz ta' tiswijiet u kif ukoll xiri ta' *spare parts* għall-vettura tal-istess imħarrkin, suppliti minnha fuq talba tagħhom. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali minn dak inhar tal-konsenja sa l-jum tal-ħlas effettiv;

[1] Li jġibu € 5,164.85 fi flus tal-lum

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-27 ta' Marzu, 2000, li biha laqgħu għat-talba attriċi billi qalu li t-talba mhix mistħoqqa għaliex, fost l-oħrajn, it-tiswijiet ma sarux kif jitolbu s-sengħa u l-ħila, minbarra li, waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet, il-karozza tagħhom ġarrbet aktar ħsarat li qabel ma kellhiex;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet, magħduda dawk dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2003[2], li bih ħatret lil Joseph Żammit bħala espert tekniku biex jirrelata dwar ix-xogħlijiet magħmula fuq il-karozza tal-imħarrek;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit tekniku Żammit fid-19 ta' April, 2004[3], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tas-16 ta' Novembru, 2004;

Semgħet lill-istess perit tekniku jixhed bħala xhud imressaq mill-kumpannija attriċi b'eskussjoni[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fid-29 ta' Lulju, 2005[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Scerri fil-5 ta' Ottubru, 2005[6], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[2] Paġ. 129 tal-proċess
[3] Paġġ. 140 sa 162 tal-proċess
[4] Paġġ. 182 – 6 tal-proċess
[5] Paġġ. 190 – 4 tal-proċess
[6] Paġġ. 195 sa 202 tal-proċess

Illi din hija kawża għall-ħlas ta’ servizzi appaltati ta’ tiswija ta’ karozza privata. Il-kumpannija attriċi ntalbet issewwi karozza li kienet ġarrbet ħsarat f’ħabta. Wara li għamlet it-tiswijiet fuq stima tan-nefqa li kienet tat lis-sid, baqgħet ma tħallsitx il-prezz kollu minnha mitlub għax-xogħlijiet li saru. Qiegħda tfittex lis-sid iħallas il-bilanċ li ma ħallasx;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa’ billi qal li m’għandux iħallas is-somma mitluba u dan minħabba li x-xogħol ma sarx sewwa, l-karozza tiegħu spiċċat b’iżjed ħsarat milli kellha meta ddaħħlet għat-tiswija u li l-kont li ntbagħat kien ogħla min-nefqa li kien ingħata x’jifhem li sejra titla’ meta saret l-istima qabel inbeda x-xogħol fuqha;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrek huwa s-sid ta’ vettura tal-għamla *Renault 25* reġistrata V-4110 (li, fiż-żmien li kienet miexja l-kawża, nbidlu konformement għal FAW-724). Il-karozza kienet ilha fuq it-triq minn Novembru tal-1990. F’xi żmien matul l-1994, il-karozza ħabtet u ġarrbet ħsara estensiva;

Illi l-kumpannija attriċi ħarġet stima tax-xogħol meħtieġ f’Ottubru tal-1994, wara li kien sar *survey* fuq il-karozza minn nies imqabbdin minnha stess[7] fuq li deher minn barra, iżda bla ma żżarmat il-karozza[8]. L-istima maħruġa ngħatat dwar xogħol meħtieġ li jsir fuq il-karozza u wkoll bdil ta’ partijiet minnha[9]. L-imħarrek kien kiseb żewġ stejjem oħra mingħand tellara li kien kellem huwa nnifsu, u li t-tnejn kienu irħas minn dik mogħtija minn Auto Sales[10]. Hu xorta aċċetta li ssir it-tiswija minn Auto Sales u kien daħħal il-karozza fl-istabiliment tagħha. Il-karozza tal-imħarrek inżammet għand Auto Sales u x-xogħol fuqha beda f’Marzu tal-1995. Matul iż-żmien li kien qiegħed isir ix-xogħol fuq il-karozza tal-imħarrek, ħareġ li l-ħsara li kienet ġarrbet kienet akbar minn dak li kien jidher. Auto Sales żammet lill-imħarrek mgħarraf b’li kien għaddej, hu ntalab imur bosta drabi biex jara x-xogħol għaddej u hu

[7] Dok “VS2”, f’paġ. 22 tal-proċess
[8] Xhieda ta’ Alfred Vella 30.10.2000, f’paġ. 48 tal-proċess
[9] Dok “MS7”, f’paġġ. 107 – 9 tal-proċess
[10] Xhieda tiegħu 23.5.2001, f’paġ. 82 tal-proċess

awtorizza li jsir ix-xogħol li kien meħtieġ wara li kien jitla' għand Auto Sales biex jara x'qed isir[11]. Ix-xogħol fuq il-vettura dam għaddej għal żmien u ntemm f'Lulju tal-1995, u ftit tal-jiem wara nħareġ il-kont[12];

Illi meta l-imħarrek mar biex jiġbor il-karozza, ilmenta dwar kemm il-kont ġie għoli. Għall-ewwel, l-imħarrek intebah li l-kont kien magħdud ħażin b'xi elf lira (Lm 1,000)[13] u huwa għarraf lil Auto Sales b'dan minnufih. L-imħarrek xorta waħda lmenta li l-kont rivedut kien għadu ogħla mill-istima;

Illi l-imħarrek tħalla jieħu l-karozza wara li ħallas akkont parti mill-kont rivedut maħruġ;

Illi wara li għaddiet korrispondenza bejn il-partijiet[14] u baqa' ma ntlaħaqx qbil dwar il-ħlas finali, l-kumpannija attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrkin f'Awissu tal-1999, u fetħet il-kawża f'Novembru tal-istess sena;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-fatti li jirriżultaw, jidher li l-qofol tal-kwestjoni kollha jintrabat mal-appalt mogħti lil Auto Sales u jekk dan twettaqx sewwa. Mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin, jidher li l-ilment tagħhom hu li l-appalt twettaq ħażin u li għalhekk ma jispetta lill-appaltatriċi l-ebda ħlas kif hija tippretendi. Fi kliem ieħor, l-imħarrkin isejsu d-difiża ewlenija tagħhom fuq l-inadempiment min-naħa tal-kumpannija attriċi;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-liġi trid li kull appaltatur iwettaq il-ħatra tiegħu skond l-ordni jew il-ftehim li jkun ingħata u li jagħmel dak ix-xogħol b'għaqal mistenni minn missier tajjeb tal-familja[15], liema grad ta' għaqal jissejjes fuq il-ħila professjonali tas-sengħa li jkun imħarreġ fiha. Dan isir bil-ħsieb li x-xogħol li jagħti lill-appaltant ikun ta' fejda għall-istess appaltant u meħlus minn nuqqasijiet li jistgħu joħorġu wara li jkun temm il-ħatra tiegħu;

---

[11] Xhieda ta' Gaetano Vella 18.1.2001, f'paġġ. 64 – 5 tal-proċess
[12] Dokt "A", f'paġ. 25 tal-proċess
[13] Dok "MS6", f'paġ. 106 tal-proċess
[14] Dokti "MS1" sa "MS5", f'paġġ. 90
[15] Art. 1132(1) tal-Kap 16

Illi fil-każ tal-lum, il-kumpannija attriċi aċċettat li ssewwi l-karozza tal-imħarrek wara li kienet ħadet iż-żmien tagħha biex teżaminaha u tara x'kien meħtieġ li jsir. Min-naħa tiegħu, minkejja li l-istima mogħtija minn Auto Sales kienet l-ogħla, l-imħarrek kien għażel li jħalliha għand Auto Sales ukoll għaliex qies li, bħala l-aġent magħruf tal-għamla ta' karozza li huwa kellu, din kienet fl-aqwa pożizzjoni biex tagħraf tagħmel l-aħjar xogħol u tipprovdi partijiet awtentiċi, f'każ li (kif jidher li kien evidenti mad-daqqa t'għajn u jekk wieħed iqis il-qawwa tad-daqqa li l-karozza kienet ġarrbet fil-ħabta) jkollhom jinbidlu xi partijiet. Minn dan kollu jidher li l-imħarrkin kienu jħossu li l-appaltatriċi kienet tas-sengħa u ta' ħila biżżejjed biex tagħmel sewwa x-xogħol li tqabbdet tagħmel;

Illi l-perit tekniku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li, mill-fatti mressqa quddiemu, kienu rriżultaw ħwejjeġ fil-karozza li juru li x-xogħol imwettaq ma sarx sewwa għal kollox, filwaqt li f'oqsma oħra x-xogħol sar sewwa u l-karozza kienet tajba biżżejjed biex tinsaq fuq it-triq. Huwa semma fejn kienu n-nuqqasijiet riskontrati u qal li "n-nuqqasijiet imsemmija li huma ta' natura konsiderevoli li jistgħu faċilment jiġu msewwija fi ftit sigħat"[16];

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[17]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[18]. Jekk, fir-rabta tal-obbligazzjoni, jkun ingħata żmien għat-twettiq tagħha, id-debitur li jħalli ż-żmien jgħaddi jitqiegħed *in mora* u jibdew jgħaddu mgħaxijiet kontrih favur il-kreditur. Iżda fejn ma jkunx ingħata żmien għall-obbligazzjoni jew fejn, minkejja li jkun

[16] Relazzjoni f'paġ. 162 tal-proċess
[17] Art. 1125 tal-Kap 16
[18] Art. 1127 tal-Kap 16

ingħata żmien, id-debitur imut qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, id-debitur jew il-werrieta tiegħu jitqegħdu *in mora* biss wara li jiġu msejħin b'att ġudizzjarju[19];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[20]. Ġie wkoll stabilit li, f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jagħżel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq[21];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[22]. Huwa magħruf li, fil-kuntratt tal-appalt, l-għaqal mistenni mill-kuntrattur jissarraf f'dak "is-sens ta' professjonalita' teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni ruħu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti (billi) huwa jikkontrolla sew ix-xogħol li jkun qed jagħmel, jirrileva dawk il-fatturi li kapaċi 'l quddiem jikkompromettu l-opra tiegħu u, okkorrendo, jagħmel ix-xogħol rettifikatorju opportun"[23];

Illi huwa aċċettat li għal dak li għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' twettiq ta' xogħol f'kuntratt ta' appalt, jitħaddmu r-regoli ġenerali tal-inadempiment kuntrattwali, salvi d-dispożizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi partikolari li jgħoddu għall-kuntratt tal-appalt[24];

Illi fid-dawl ta' dan il-kejl ta' mġiba, l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jagħmel skond l-aħjar sengħa u ħila tiegħu biex jagħti xogħol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu[25].

---

[19] Art. 1130 tal-Kap 16
[20] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[21] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXIV.ii.578**)
[22] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[23] App. Inf PS **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd. et vs Anġlu Żarb***
[24] P.A. PS **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazia Degabriele vs George Calleja et***
[25] App. Kumm. **1.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Guillaumier noe vs Borġ Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.438**)

B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiża li x-xogħol ma sarx tajjeb għaliex sar kif riedu l-kommittent, għaliex l-appaltatur irid jirreżisti kull intromissjoni tal-kommittent jekk minħabba dak l-indħil jew insistenza x-xogħol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti[26]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[27]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[28];

Illi lanqas ma jiswa l-argument ta' appaltatur li x-xogħol mogħti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-aħħar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, saħansitra, ikun reġa' qabbdu jagħmillu xogħol ieħor. Dan jingħad għaliex il-fatt li jsir il-ħlas jew ħlas akkont jew li x-xogħlijiet ikunu ġew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull każ jistkenn mix-xilja tat-twettiq ħażin tal-appalt[29];

Illi, madankollu, l-fatt li xogħol mogħti b'appalt ikun fih xi nuqqasijiet ma jwassalx b'daqshekk li l-appaltatur naqas li jwettaq dak li ntrabat għalih u li dak in-nuqqas iqiegħed lill-istess appaltatur responsabbli għad-danni lejn il-kommittenti tiegħu[30]. Kemm hu hekk, fejn nuqqasijiet bħal dawn jirriżultaw li m'humiex ta' xejra essenzjali li jivvizzjaw il-kuntratt jew jagħtu lok għall-patt kommissorju, l-appaltant ikollu l-jedd biss li jitlob li tali nuqqasijiet jissewwew jew li jingħata tnaqqis fil-prezz tax-xogħol appaltat[31]. Huwa biss meta tali tiswijiet ma jkunux għadhom jistgħu jsiru aktar li l-kommittent jingħatalu l-jedd li jfittex għad-danni[32];

---

[26] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**)
[27] Art. 1133 tal-Kap 16
[28] Art.1134 tal-Kap 16
[29] Per eżempju, ara P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri***
[30] App. Kumm. **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XLII.i.699**)
[31] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe***
[32] P.A. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Cuschieri*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.iii.190**)

Illi meta l-perit tekniku għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar dak li ra fil-karozza tal-imħarrek, wera l-fehma li fejn kien hemm xogħlijiet li ma sarux sewwa, dawn kollha setgħu jkunu indirizzati minn Auto Sales. Il-Qorti tosserva li l-fehmiet tal-Perit Tekniku baqgħu konsistenti, ukoll meta kien imtella' in eskussjoni mill-kumpannija attriċi, u dan bħala fatt juri li n-nuqqasijiet li bihom l-imħarrkin jixlu lill-kumpannija attriċi huma rimedjabbli. Fis-sewwa, ma joħroġx minn dawk il-kostatazzjonijiet li l-kumpannija attriċi naqset milli twettaq l-appalt mogħti lilha b'mod li jirriżulta l-inadempiment;

Illi l-konklużjoni milħuqa mill-perit tekniku fir-Rapport imressaq minnu tikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqha għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[33]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[34], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment[35], sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[36];

Illi tali prinċipji għandhom iżjed jitħarsu meta ma jinġiebu 'l quddiem l-ebda raġunijiet tajbin illi jqegħdu f'dubju dawk il-fehmiet ta' bixra teknika, jew fejn saħansitra dawk il-fehmiet jibqgħu konvinċenti wkoll wara li jkunu ntgħarblu f'xi eskussjoni serrata tal-istess perit tekniku[37];

Illi ngħad b'awtorita' li tkun prużunzjoni min-naħa ta' Qorti li, f'ċirkostanzi bħal dawn, twarrab minn quddiemha u bla raġuni tajba l-fehma milħuqa f'relazzjoni teknika: u dan

---

[33] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***
[34] Art. 681 tal-Kap 12
[35] App. Ċiv. **28.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Saliba vs Joseph Farruġia***
[36] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)
[37] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Mallia noe vs Martin Mizzi et***

għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizżat, il-ġudikant ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għal fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam[38];

Illi l-Qorti tqis li f'din il-kawża kienet il-kumpannija attriċi biss li dehret li qiegħda tikkontesta l-fehma li wasal għaliha l-perit tekniku, għaliex jidher li l-imħarrkin joqogħdu fuqha biex jagħtuha l-verżjoni tagħhom. Il-kontestazzjoni tal-attriċi ġejja mill-fatt li ma jidhirx li qablet mal-perit li xi parti mix-xogħol ta' tiswija ma sarx kif titlob is-sengħa. Meta l-perit baqa' jisħaq dwar il-fehmiet tiegħu ukoll wara li ttella' b'xhud tagħha f'eskussjoni, siltet biċċa mir-relazzjoni tiegħu fejn qal li "t-tiswijiet l-oħra li saru fuq il-vettura ... saru skond is-sengħa", u waslet għall-fehma li l-perit ma sab xejn li kien sar ħażin. Tinqeda b'xhieda mressqa mit-tellar li qal li l-imħarrek tant kien soddisfatt bix-xogħol mogħti, li saħansitra kien tah *tip* meta lesta x-xogħol fuqha[39]. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jaqbdu mal-fehma peritali murija f'parti oħra tar-relazzjoni biex jgħidu li x-xogħol kollu sar ħażin;

Illi s-sewwa hu li ħafna mix-xogħol ta' tiswija li għamlet Auto Sales fuq il-karozza tal-imħarrek sar tajjeb. Madankollu, lill-perit irriżultaw affarijiet li wrew li xi xogħol ieħor ma sarx sewwa, jew li saħansitra saret ħsara f'partijiet oħra li ma jidhirx li kienu ntlaqtu mal-ħabta. Il-lista ta' dawn ix-xogħlijiet tissemma mill-espert tekniku, u li sejħilhom bħala "ħsarat jew aħjar nuqqas ta' tkomplija ta' tiswija jew ta' *adjustment*"[40], u tinkludi wkoll il-ksur tas-sistema tal-arja kundizzjonata tal-istess vettura. Hija indikativa wkoll li l-istess perit afferma li, meta dawn in-nuqqasijiet intwerew waqt l-aċċess, ir-rappreżentant ta' Auto Sales (Victor Soler) intrabat li l-kumpannija kienet ser tagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet[41]. Baqgħet tisħaq biss dwar il-ħsara fis-sistema tal-arja kundizzjonata. Minkejja dan, il-perit wera fehma sħiħa u formata sewwa mill-kostatazzjonijiet li huwa għamel, li dik il-ħsara saret waqt u matul iż-żmien li l-karozza kienet għand Auto

[38] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista et noe***
[39] Xhieda ta' Christopher Bonello 18.1.2001, f'paġ. 76 tal-proċess
[40] Ara paġġ. 153 – 4 tal-proċess
[41] § 11 tal-Konklużjonijiet tar-Relazzjoni, f'paġ. 159 tal-proċess

Sales u matul il-proċess tat-tiswijiet. Wera l-fehma wkoll li għaliha trid tagħmel tajjeb Auto Sales[42]. Ma tressqet l-ebda prova dwar kemm jiswa r-rimpjazzar ta' dak is-sistema;

Illi, kif ingħad, l-imħarrkin iressqu s-sottomissjoni min-naħa tagħhom li kemm ix-xogħol miftiehem ma sarx sewwa, li sar xogħol li ma kienx issemma qabel u li huwa ma approvahx u kif ukoll li l-prezz mitlub kien jisboq dak stmat, u dan minbarra li xi xogħlijiet li kien stmat li kellhom isiru, fil-fatt intwera li ma kienx meħtieġ li jsiru (fix-xhieda tiegħu semma wkoll[43] serq ta' xi affarijiet minn ġol-karozza kemm damet għand Auto Sales). Dwar il-mod kif sar ix-xogħol li sar, il-Qorti m'għandhiex għalfejn ittenni dak li ssemma aktar qabel. Dwar xogħol żejjed li l-imħarrek ma approvax, il-Qorti tqis li tressqu provi li juru li l-imħarrek innifsu (kemm jekk minn rajh u kif ukoll jekk tassew kienu jibagħtu għalih) kien imur regolarment fejn kien qed isir ix-xogħol tat-tiswija (għaliex deherlu li l-proċess kien miexi bil-mod wisq) u kien jawtorizza li jsir kulma hemm bżonn[44]. Il-perit tekniku ma irrileva l-ebda element ta' xogħol li sar u li ma kellux isir, u dwar dan lanqas l-imħarrek ma jidher li ġibed l-attenzjoni tal-perit hu u jagħmel il-kostatazzjonijiet tiegħu;

Illi dwar il-prezz mitlub u l-qabża fil-prezz minn kif kien stmat qabel inbdew ix-xogħlijiet, l-imħarrek ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-prezz ogħla mill-istima li kienet ingħatatlu ħareġ fi tliet oqsma: fix-xogħol tat-tellar, fix-xogħol tal-verniċjatura (*spray painting*) u xogħol ta' mekkaniku. Jibda biex jingħad li meta bniedem jingħata stima ta' valur qabel ma jinbeda x-xogħol, wieħed irid iqis li dik ma tkunx rabta ta' ċifra fissa, u huwa mistenni li jekk kemm-il darba tinqala' l-ħtieġa ta' xogħol ieħor, l-appaltatur ma jistax iwettaq sewwa l-ħatra lilu mogħtija u ma jagħmilx ukoll dik in-nefqa żejda li tkun meħtieġa. Min-naħa tiegħu, l-appaltant irid jistenna li stima tkun indikattiva imma mhux determinanti tan-nefqa li tkun trid issir. Madankollu, wieħed jistenna wkoll li stima tagħtih

---

[42] §§ 17 – 8 tar-Relazzjoni, f'paġ. 161 tal-proċess
[43] Xhieda tal-imħarrek 23.5.2001, f'paġ. 88 talproċess
[44] Xhieda ta' Gaetano Vella 18.1.2001, f'paġġ. 64 – 5 tal-proċess

ħjiel affidabbli ta' dak li jkun mistenni li sejjer jonfoq, u l-appaltatur ma jistax jistkenn taħt l-iskuża tal-kwalita' approssimativa tal-istima biex, wara li jkun assikura l-kunsens tal-appalt, jibda jxarrab il-prezzijiet bl-addoċċ. Fil-każ tal-lum, Auto Sales tgħid li meta tat l-istima f'Ottubru tal-1994, kien maħsub li x-xogħol ma jinbediex mill-ewwel. Madankollu, minħabba li x-xogħlijiet damu u l-proċess tat-tiswija ddawwar, il-prezz kellu joħroġ kif ħareġ minħabba li, fil-frattemp, kienet daħlet fis-seħħ il-liġi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Fil-fehma tal-Qorti, dan ma jiġġustifikax għaliex, imma, dawn il-partiti tal-kont għolew b'dak il-mod meta nħareġ il-kont, u jidher li Auto Sales kellha xi nuqqas mhux traskurabbli dwar kif inħadem, l-aktar meta l-imħarrek innifsu ntebah li s-somma kollha kienet ingħaddet ħażin (għalkemm favurih) b'madwar elf lira Maltija (jiġifieri, kieku l-kont ingħadd sewwa, kien se' jiġi ogħla minn dak mitlub). F'kull każ, jidher li Auto Sales innifisha kienet fehmet dan l-ilment u aċċettat tnaqqis f'dan ir-rigward[45]. Bl-istess mod, jidher li huwa mistħoqq l-ilment tal-imħarrkin dwar il-partijiet li ngħatat stima dwarhom, imma li irriżulta li ma nbidlux meta sar ix-xogħol fuq il-karozza. Dawn kienu jitilgħu għal ħames mija u tmenin lira (Lm 580) fl-istima, u Auto Sales taqbel li ma nbidlux[46];

Illi għalhekk filwaqt li l-Qorti sejra tadotta l-fehmiet tal-perit maħtur minnha, sejra tilqa' t-talba attriċi bit-tnaqqis mill-ammont mitlub fir-rigward ta' dak ix-xogħol li jew ma sarx jew li ntalab prezz ogħla minn dak stmat. F'dan ir-rigward, irid isir tnaqqis ta' elf tliet mija u wieħed u ħamsin euro (€1,351)[47] fir-rigward tal-partijiet stmati imma li ma ntmessewx, u ħames mija u tlieta u ħamsin euro (€553) dwar il-prezzijiet ogħla mitluba mill-istima oriġinali[48];

Illi minħabba li l-appalt ma twettaqx għal kollox sewwa, imma wkoll minħabba li n-nuqqasijiet li jirriżultaw ma humiex tali li jitqies li l-appaltatriċi Auto Sales kienet għal kollox inadempjenti, fuq is-somma riżultanti li l-istess kumpannija attriċi jistħoqqilha titħallas m'għandux jgħaddi

[45] Ara Dok "VS1", f'paġ. 21 tal-proċess
[46] *Ibid.* f'paġ. 20 tal-proċess
[47] Jiġifieri kemm iġibu Lm 580 fi flus tal-lum
[48] Maħduma *pro rata* fuq it-tnaqqis li Auto Sales kienet offriet lill-imħarrek wara li nħareġ il-kont

mgħax qabel ma hija ssewwi jew tirranġa n-nuqqasijiet rilevati mill-perit tekniku (fosthom li tistalla sistema tajjeb ta’ arja kundizzjonata fil-karozza tal-imħarrek);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** limitatament billi tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ tlitt elef mitejn u sittin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€3,260.85) rappreżentanti l-bilanċ ta’ prezz ta’ tiswijiet magħmulin fuq talba tagħhom f’appalt lilha mogħti, fuq liema somma jgħaddi mgħax skond il-liġi b’seħħ minn meta l-istess kumpannija attriċi ttemm ix-xogħlijiet meħtieġa msemmija mill-perit tekniku f’paragrafi tmienja (8), ħdax (11), sbatax (17) u tmintax (18) tal-parti konklussiva tar-Relazzjoni tiegħu u li għandhom jitqiesu li jagħmlu mill-parti dispożittiva ta’ din is-sentenza; iżda f’każ li l-karozza m’għadhiex fil-pussess tal-imħarrkin jew jekk mod ieħor ix-xogħol imsemmi ma jistax isir, l-imsemmi mgħax jibda jgħaddi millum;

**Tordna** li minħabba dak li ħareġ mill-kostatazzjonijiet fil-kawża, il-kumpannnija attriċi terfa’ terz ($^{1}/_{3}$) tal-**ispejjeż tal-kawża** filwaqt li l-imħarrkin jerfgħu bejniethom iż-żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) l-oħrajn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------